MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru 360/2006

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
CHRISTIAN GATT
JOSEPH FRANCIS LICARI
ROBERT MICALLEF TRIGONA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Christian Gatt ta’ 23 sena imwieled gewwa Pieta’ nhar il-31 ta’ Lulju 1982, iben Peter u Lucienne nee’ Degiorgio, residenti gewwa Flat 2 Oakleaf Triq is-Sur Fons, San Giljan u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 426282(M). Joseph Francis Licari ta’ 22 sena mwieled gewwa Pieta nhar is-6 ta’ Mejju 1983, iben Paul u Angele Marie nee’ Ebejer, residenti gewwa 15 Casa Dei Cari Triq San Valentin, Balzan u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 249383(M). Robert Micallef Trigona ta’ 21 sena mwieled gewwa Pieta’ nhar il-21 ta’ Mejju 1984, iben

Michael u Marie nee' Ellul Sullivan, residenti gewwa 111 Triq Rodolfu, Sliema u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 260284(M).

U akkuzati talli nhar id-9 ta' Marzu 2006 ghal habta ta' 23.30PM gewwa Triq ix-Xatt Ta' San Gorg San Giljan, Dragunara Paceville, San Giljan minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghedu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Paul Caruana minn Naxxar skond kif iccertifika Dr. Mario Scerri MD u Dr. F. Sant MD ta' l-Isptar San Luqa ai terminu ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u xirkostanzi, hebbu ghall-istess Paul Caruana minn Naxxar sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta'.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u hin taht l-istess cirkostanzi kkommettew hsara volontarja fuq arlogg tal-marka 'Rolex' ghad-dannu ta' l-istess Paul Caruana u dan ai terminu ta' l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (Dok.MT a fol.15) u dak ta' l-imputati (a fol. 9, 10, 11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Mario Tonna xhed (a fol.12 et seq. tal-process) u nforma lil Qorti li fl-10 ta' Marzu 2006, fis-saghtejn neqsin kwart ta' filghodu (1:45am) certu Paul Caruana (il-kwerelant) ghamel rapport l-Ghassa ta' San Giljan illi fid-9 ta Marzu 2006, huwa kien gie aggredit u msawwat mit-tlett imputati. L-Ispettur Tonna xhed illi Caruana spjegalu illi huwa kien qieghed jihu drink gewwa Gigi's Café, fi Triq San Gorg, San Giljan fejn iltaqa' ma' certu Alexia Grima. Din talbitu l-*mobile phone* biex iccempel lil tfajla, habibha taghha mill-Iklin, certu Francesca, u wara li spiccat minn din it-telefonata, Caruana talabha biex ikellem lil din Francesca. Irrizulta aktar tard illi din Francesca kienet it-tfajla ta' wiehed mill-imputati u cioe Joseph Francis Licari. Caruana nforma lil Pulizija illi waqt li kien niezel mill-bajja ta' San Gorg, guvni kkumpanjat ma' erba' guvintur ohra, avvicinah u nfurmah illi huwa kien l-gharus ta' Francesca. Qabdu argument u Paul Caruana nfurma lil Pulizija li qala' xeba u li l-arlogg tieghu, tal-marka *Rolex*, kien danneggat u li gie rrakkomandat li jirrikorri ghal kura medika li fil-fatt Caruana kien mar l-isptar San Luqa fejn gie rilaxxat certifikat mediku minn certu Dr. Federica Sant illi c-certifikat kien juri li l-griehi kienu ta' natura hafifa sal-komplikazzjonijiet. Caruana kien ukoll mar ghand Dr. Mario Scerri illi pprezenta certifikat minn naha tieghu. Illi waqt li kien l-isptar, **Caruana rrifjuta illi jiehu CT scan**, li gie rilevat f'dan il-mument u li c-certifikat mahrug minn Dr. Federica Sant u cioe dak ta' griehi ta' natura hafifa, stabbilixxa wkoll illi kien hemm perforazzjoni tat-tambur tal-widna. Dr. Mario Scerri wkoll irrilaxxa certifikat, din id-darba ta' natura gravi stante l-prezenza tal-perforazzjoni msemmija u ta' girfa f'wicc il-kwerelant li setghet thalli sfregu permanenti.

Illi gew mitkellma l-imputati, l-Ispettur Tonna xhed li Joseph Francis Licari kien infurmah illi l-kwerelant Caruana kien qed jipprova jaqbad mat-tfajla tieghu, Francesca u dan allura kien iddecieda li jmur isibu u nkellimhom u fil-fatt hekk ghamel. Wara li bdew jargumentaw dawn gew fl-idejn. Hawnhekk, iz-zewg imputati l-ohra kienu pronti u ferquhom u haduh minn fuq il-post. L-Ispettur Tonna xhed illi huwa kien gie nfurmat illi

l-arlogg *Rolex,* tal-kwerelant, kellu stima ta' Lm1,700 fi hsara. L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa l-fedina penali tat-tlett imputati u bl-istqarriji taghhom, li gew mmarkati u annessi bhala Dok.MT7, Dok.MT8 u Dok.MT9.

Certifikat mediku li gie rrilaxxat minn Dr. Federica Sant, gie ezebit u mmarkat bhala Dok.MT10 u l-istima tar-*Rolex* giet ezebita bhala Dok.MT11.

Fl-istqarrija tieghu, Christian Gatt stqarr (a fol.19 sa 21) illi huwa kien ghaddej, flimkien ma' Robert Micallef Trigona bil-karozza tieghu, Corolla, gewwa Paceville, nezlin in-nizla minn tac-cinema meta ra karozza Fiat hamra ta' Beppe (Joseph Francis Licari) u ra kommossjoni u ghaldaqstant nizel sabiex iferraqhom. Meta wasal fuq l-incident sab lill-imputat, Joseph Francis Licari, ma' l-art mal-kwerelant Paul Caruana jissaraw u li hu mar iferraq flimkien ma' Robert. L-uniku haga li ghamlu hu illi: *"They broke them apart."* Innega illi huwa sawwat jew b'xi mod iehor aggredixxa lil kwerelant Paul Caruana u baqa jishaq illi huwa l-unika haga li ghamel kien li feraqqhom. Stqarr ukoll illi Paul Caruana, maghruf bhala l-Pesto, kellu nomina illi: *"Ibaghbas fi tfal zghar…" Ghandu hafna flus u drogi u jipprova jigbed it-tfal bi flus…"* (ara xhieda a fol.20). Minn naha tieghu, Joseph Francis Licari, a fol.21 et seq. (Dok.MT8) stqarr mal-Pulizija illi huwa kien id-dar mat-tfajla tieghu Francesca, meta l-kwerelant cemplilha d-dar taghha u beda jkellimha. Licari stqarr illi din ma kinitx l-ewwel darba li cemplilha d-dar sabiex ihajjarha tiltaqa' mieghu u jmorru cena flimkien. Licari stqarr illi Francesca bdiet tirrifjutah u li qaltlu li hi kellha *boyfriend* u qatatlu. Licari stqarr illi l-kwerelant Caruana rega' cemplilha u bdiet tghidlu sabiex ihalliha bi kwieta izda hu beda jheggigha sabiex jiltaqghu flimkien Paceville. Licari xhed illi fil-fatt mar jiltaqa' hu ma' Caruana f'Paceville u beda jgharrex halli jara jistax isib karozza tal-marka *Porsche* il-ghaliex il-kwerelant kien qal lil Francesca, fuq it-telephone, li kien f'karozza tal-marka *Porsche* hamra. Licari xhed illi huwa lil kwerelant ma kienx jafu u beda biss ifittex karozza ta' dik il-marka li suppost kienet ipparkjata quddiem Gigi's f'Paceville. Fil-fatt ma sabx din it-tip ta' karozza u meta kien sejjer lura d-dar ra *Porsche*

ghaddejjha fid-direzzjoni ta’ Paceville u saq ghal warajh. Sussegwentement tilef din il-karozza u meta kien sejjer lura d-dar lemahha fil-bajja ta’ San Gorg u rah ipparkjat f’nofs tat-triq, iccirkundat minn zewgt irgiel ohra. Licari stqarr illi huwa kien mexa ghal fuqu meta ra illi l-kwerelant kien qed jillatika ma’ dawn iz-zewgt irgiel. Avvicina lil kwerelant u staqsieh ghal ismu u jekk kienx cempel lit-tfajla tieghu. Dan ammetta mall-ewwel u skuza ruhu. Licari tallbu r-raguni il-ghaliex kien qieghed icempel lit-tfajla tieghu u li l-kwerelant qallu li, “*It’s a free world u naghmel li rrid jiena*.” Licari stqarr illi huwa rega’ widdeb lil kwerelant Caruana biex ma jhallihx mat-tfajla tieghu u li f’dak il-mument Caruana kien imbuttah u Licari waqa’ ma’ l-art. Il-kwerelant beda jatih bis-sieq. Hu wkoll beda jipprova jiddefendi ruhu bis-siq u spicca illi anke Caruana waqa’ ma’ l-art. F’daqqa wahda din il-glieda nferxet u li kien hemm hafna nies involuti u ftit wara Chris Gatt u Robert Micallef Trigona gibduh ‘il barra mill-glieda u tellqu ‘l hemm. Licari xhed illi huwa ma rax arloggi f’idejn il-kwerelant. L-uniku participazzjoni li ghamel hu kienu li Chris u Robert kienu gibbduh ‘il barra minn dik il-folla nies.

Robert Micallef Trigona, fl-istqarrija tieghu (Dok.MT9 a fol.24), student, xhed illi waqt illi kien sejjer Paceville flimkien ma’ Chris fil-karozza u kienu hdejn Villa Rosa, Paceville, huwa ra l-karozza ta’ habib iehor tieghu, Beppe Licari, u hafna nies imdawrin u ghaldaqstant hargu sabiex iferrqu l-glieda u johorgu lil Licari minn dik il-glieda. Micallef Trigona kkonferma illi la hu u lanqas Chris ma sawwtu lil xi hadd imma biss ferrqu u hargu lil Beppe u tellqu ‘l hemm. Innega illi jaf li kien hemm xi hsarat f’xi arlogg illi kien liebes Caruana.

PS 69 Cremona ezebixxa l-okkorrenza ta’ dan l-incident (Dok.PS a fol. 30 sa fol. 33)

Dr. Mario Scerri (a fol. 34 et seq.) ikkonferma li l-kwerelant Caruana kien mar ghandu fl-14 ta’ Marzu u nfurmah illi kien qala’ xeba minn diversi irgiel fid-9 ta’ Marzu 2006. Dr. Scerri kkonferma illi rrilaxxa u li ha xi ritratti. Ikkonferma t-tbengil fuq il-wicc u fuq id-drieghi tal-kwerelant. Li kellu t-

tambur ta’ widnejh mifqugh u li din tikklassifika bhala griehi ta’ natura gravi.

In kontro ezami, Dr. Mario Scerri kkonferma illi huwa ra lil kwerelant hamest ijiem wara u li qaghad fuq dak illi qallu l-kwerelant li kellu glieda u li gie msawwat fid-9 ta’ Marzu u kkonferma Dok.MS a fol.54 tal-process.

Dr. Federica Sant a fol.37 ikkonfermat Dok.MG, certifikat illi rrilaxxat hija fl-10 ta’ Marzu 2006 waqt li kienet fil-*Casualty* fl-isptar San Luqa. Ikkonfermat illi l-kwerelant kien irriffjuta li jiehu *X-rays* u li jiehu *CT scans* u li kienet irriferietu lejn id-dipartiment tal-ENT u tal-Oftalmologija kif jidher minn notamenti fuq l-istess certifikat.

A fol.43, Paul Caruana rega’ xhed illi huwa kien qed isuq f’San Giljan, waqqaf ikellem li lxi hadd u f’daqqa wahda gew tlieta fuqu, staqsewh jekk kienx Paul Busietta u hu rrispondihom fin-negattiv. Fil-pront huma tefghuh ma’ l-art u bdew jatuh bis-sieq u *“Xi kwart, ghoxrin minuta jtuni. Hallewni ghal mejjet kwazi.”* (ara xhieda a fol.43). *“Jiena mort l-ghassa, ghamilt rapport kollni demm u daqshekk.”* Mistoqsi jekk jaghrafx lil dawn it-tlett persuni, Caruana xhed: *“Le qed inhares lejhom, ma nafhomx.”* Paul Caruana kkonferma li qabel kien qieghed go post jiehu drink, tfajla haditlu t-telephone tieghu sabiex tkellem lil habiba taghha u hu beda jkellimha wkoll minn fuq it-telephone. Xhed illi apparentement din kienet xi gharusa ta’ wiehed mill-imputati u dan haseb illi kien qed jittantaha. Caruana xhed illi meta mar l-ghassa tal-Pulizija u b’hekk setghu jittraccaw in-numru tat-telephone tat-tfajliet. Ikkonferma illi r-*Rolex* li jiswa Lm1,700 gralu hsara ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm 600) pero’ ma ezebixxa ebda stima. Ikkonferma wkoll illi kien mar ghand Dr. Mario Scerri li hadlu r-ritratti u li ghamillu certifikat. Dr. Mario Scerri (a fol.52) ezebixxa Dok.MS li jinstghab a fol.54 et seq. u li kkonferma dan ic-certifikat u li rrilaxxah hu u kkonferma wkoll ir-ritratti li jidhru annessi ma’ l-istess rapport kien hadhom hu stess.

L-imputat, Joseph Francis Licari a fol.76 et seq. ta x-xhieda tieghu u qal illi huwa kien qieghed fid-dar tat-tfajla

tieghu, meta habiba taghha cemplitilha minn fuq it-**telephone taghha**. It-tfajla tieghu, Francesca, tkellmet mal-habiba taghha Alexia u li din Alexia tat it-telephone taghha lil kwerelant Paul Caruana li ried ikellimha. Licari xhed illi huwa kien vicin hafna tat-tfajla tieghu u li sema' l-konverzazzjoni kollha. Qal illi l-kwerelant beda jharraha tmur mieghu, li kien ser jigborha bil-*Porsche*, ihalliha jsuq l-istess karozza u li stedinha sabiex johorgu flimkien. It-tfajla tieghu Francesca rrifjutat u li ma riditx ikollha x'taqsam mieghu u sabiex ihalliha bil-kwiet, pero' huwa baqa' jinsisti. Fl-ahhar qata' t-telephone. Licari xhed illi sadanittant huwa ma kienx jaf lill-kwerelant, pero' kien jaf biss ismu u l-laqam tieghu 'Paul il-Pesto'. Licari xhed illi dik ma kinitx l-ewwel okkazzjoni illi dan kien ttanta lit-tfajla tieghu. Licari xhed li kien qieghed iharsilha taparsi li kien sema affarijiet xejn pjacevoli fuq dan l-individwu. Licari xhed illi f'din id-diskursata huwa sema lil kwerelant jghid li kien qieghed f'Gigi's, San Giljan u ghaldaqstant iddecieda li jinzel sa dan il-post biex ifittxu u jkellmu fuq it-tfajla sabiex ihalliha kwieta. Meta nizel sa ghand Gigi's ma sabhomx hemmhekk u b'hekk beda sejjer lura d-dar. Beda jsuq lejn Paceville u li mbaghad hemmhekk ra l-*Porsche* hamra. *"Ipparkjata fit-triq insomma kien ghadu mixghul, bil-bieba miftuha."* (ara xhieda a fol.79). Licari xhed illi nizel mill-karozza tieghu u li ra tlett irgiel jillatikaw. Wiehed Malti u zewg barranin. Hu avvicina lil Malti, li mid-deskrizzjoni li kienet taghtu t-tfajla tieghu Francesca, kien jixxiebah u tallbu jghidlu jekk kienx Paul Caruana, maghruf bhala 'Paul Pesto'. Kien irrispondih fl-affermattiv u Licari wissieh biex ma jharisx lejn it-tfajla tieghu u li ma jibqax idejjaqha. *"F'daqqa wahda insomma ma nafx qisu nqabad f'panic u mbuttani u gew dawn iz-zewgt irgiel qabdu jatuh jigifieri."* (ara xhieda a fol.81) Licari xhed illi huwa spicca fin-nofs jaqla' d-daqqiet, ipprova johrog minn tahthom. F'hin minnhom sema lil Chris u lil Robert u li dawn gebbduh 'il barra. Licari xhed illi huwa b'ebda mod ma aggredixxa jew sawwat lil kwerelant. Ikkonferma illi huwa ra zewg persuni ta' nazzjonalita' barranija jaghtu bis-sieq lill-kwerelant u li kkonferma wkoll illi anka hu qala bis-sieq minghand dawn iz-zewgt irgiel.

Chris Gatt a fol.85 xhed illi huwa kien ghaddej fil-karozza tieghu flimkien ma' Robert Micallef Trigona, meta ra l-karozza ta' Beppe Licari f'Paceville u gegwigiha ta' nies. Nizlu t-tnejn mill-karozza u raw gemgha ta' nies jaghtu waqt illi Beppe kien qieghed mixhut ma' l-art jaqla' d-daqqiet ta' sieq. Ikkonferma illi l-karozza tal-kwerelant kienet qabel il-karozza ta' Beppe bil-magna mixghula u bid-dwal mixghulin. Christian Gatt xhed illi huwa u Robert nizlu malajr, bdew iferrqu lin-nies u rrnexxielhom jigbdu lil Beppe Licari minn qalb dik il-kommossjoni u marru d-dar. Christian Gatt ikkonferma illi huwa ma aggrediex lil hadd u l-uniku haga li ghamel huwa li gibet lin-nies apparti halli jkun jista' johrog lil Beppe Licari minn taht is-saqajn. Moqrija l-istqarrija tieghu, Christian Gatt ikkonferma bil-gurament.

Ikkonsidrat:

Illi mill-kumpless tal-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, bla dubju ta' xejn illi l-kwerelant, Paul Caruana, kien partecipant fi glieda u li hallietlu b'diversi griehi illi jidhru fir-ritratti mehudha minn Dr. Mario Scerri ezebiti ma' Dok.MS. Din il-Qorti ser tiddiskuti primarjament jekk skond il-Ligi, dawn il-griehi kienux griehi ta' natura gravi jew dawk ta' natura hafifa.

Illi, di piu', meta wiehed jara c-certifikat mediku mahrug minn Dr. Federica Sant li jinstaghab a fol.26 (Dok.MT10) wiehed malajr jaghraf illi l-griehi gew certifikati bhala *"slight safe computations".* Kien biss ir-rapport tac-certifikat Dok.MS ta' Dr. Mario Scerri a fol.54 fejn a fol.66 jghid illi l-griehi kienu klassifikati bhala ta' natura gravi minhabba li kien hemm perforazzjoni tat-tambur tal-widna, apparti minnhekk il-girfa fuq wicc l-imputat li: *"Ukoll tista' tigi kklassifikata bhala wahda ta' natura gravi ghal raguni illi din tista' tibqa' marka permanenti u vizibbli fuq il-wicc."* (a fol.66).

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' tara u tezamina lil Paul Caruana mill-vicin u l-girfa fuq wiccu ma halliet ebda cikattrici permanenti u vizibbli fuq wiccu. Illi ghal rigward

tal-klassifikazzjoni ghal griehi ta’ natura gravi ghal rigward tal-perforazzjoni tat-tambur tal-widna, minkejja illi Dr. Scerri jikklassifika l-griehi bhala dawk ta’ natura gravi, l-istess gerha klassifikata certifikata minn Dr. Federica Sant bhala dik ta’ natura hafifa.

Illi kkonfrontata b’konflitt totali fuq il-klassifika medika, din il-Qorti ma tistax taghmel altru ghajr li tiddeciedi fuq il-klassifika li tiffavorixxi l-ahhar lill-imputati u ghaldaqstant il-griehi subiti fuq il-kwerelant ghandhom jigu kklassifikat bhala dawk ta’ natura hafifa.

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti kemm-il darba, jirrizultax, skond il-Ligi, u cioe sal-livell probatorju rikjest fil-kamp kriminali u cioe’ minghajr dubbju dettat mir-raguni illi **kienu l-imputati** jew uhud minnhom, li aggredixxew u sawwtu lil Paul Caruana u b’rizultanti griehi skond l-akkuza.

Dan qieghed jinghad ghaliex Paul Caruana, il-kwerelant, ma gharaf lil ebda wiehed mill-imputati bhala dawk li assaltawh jew sawwtuh u dana la a tempo vergine u lanqas quddiem din il-Qorti waqt it-testimonjanza tieghu. Illi l-indagni tal-Pulizija flimkien ma’ l-istqarriji ta’ l-istess imputati kienu taw stampa ta’ dak li seta’ gara. Ill meta l-Qorti wiznet u ezaminat bir-reqqa x-xhieda tal-kwerelant u tal-prosekuzzjoni fuq naha wahda u dak illi jirrizulta mill-istqarriji a tempo vergine ta’ l-imputat u t-testimonjanza li ta u quddiem il-Qorti, hija ta’ l-opinjoni illi l-verzjoni ta’ l-imputati hija dik li hija ferm aktar verosimili u ghandha mis-sewwa u li hija fuq tal-prosekuzzjoni, waqt li t-testimonjanza ta’ Paul Caruana hija mizghuda f’perijodu twal ta’ amnezija u msewqa b’asserzjonijiet gratwiti u li ma gew imsahha b’ebda dokumentazzjoni jew xhieda ohra.

Hekk perezempju Paul Caruana waqt li jezebixxi stima ta’ hsara ta’ €3959.93 (ekwivalenti ghal Lm1700) li sussegwentement irrizulta li kienet stima tal-valur ta’ l-arlogg, naqas li jezebixxi stima ta’ hsarat.

Dan qieghed jinghad il-ghaliex primarjament Paul Caruana jimminimizza ghall-ahhar il-fatt illi ipprova jisraq

tfajla ta’ haddiehor. In oltre’, fl-ebda mument ma semma illi kien hemm zewgt irgiel ohra illi kienu fil-fatt qeghdin jilletikaw u jiggieldu mieghu meta Licari ddecieda li javvicinah u jkellmu fuq it-tfajla tieghu.

Illi l-fatt kardinali illi Paul Caruana lanqas biss setgha jaghraf ebda wiehed mill-imputati, mal-Pulizija u wisq anqas fil-prezenza tal-Qorti, waqt it-testimonjanza tieghu, aktar issahhah, fil-fehma tal-Qorti, l-irgiel li in fatti sawtu lil Paul Caruana, ma kienux l-imputati.

Illi minn naha l-ohra mix-xhieda tat-tlett imputati, milli jidher, a tempo vergine, taw rapport specifiku, mimli dettalji ta’ dak li gara u ma garax. L-imputati kienu forthright u qalu b’dak li gara bla tlaqlieq, minghajr ma pprovaw jxejnu l-verita’.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputati mhux hatja skond l-akkuza u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------